MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

**25 ta' April 2020**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' b'mod virtwali (minħabba l-imxija tal-pandemija covid-19), fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier
Jimmy JM Calleja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Carmel Attard – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti virtwalment il-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello, Francis Pullicino u Jimmy JM Calleja.

**12.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

12.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

12.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx rċieva ittri ta' apoloġija.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

12.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 11 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

12.2.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard, issekondata mill-Kunsillier is-Sa. Rita Borg, il-minuti tal-laqgħa numru 11 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**12.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li peress li l-persuna li kellu jidħol impjegat *part time*, dam biss ġimgħa għax ma darax, hemm bżonn terġa' tinfetaħ vakanza għal *part timer*. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Fl-istess ħin qalet illi l-prestazzjoni tas-Sa. Romina Xuereb fl-istaff hija tajba, u għalhekk din tissuġerixxi li tinqaleb *full time* u togħla għal skala 15 minn skala 16. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

12.3.1.a Is-Sindku qalet li bil Fondi ta liskema 'community Innovation fund' applikajna biex isiru kors fil P.R., kors iehor fil landscaping u se jkunu miftuhinghar residenti, applikajna wkoll biex jinxtara vann gdid biex naghmlu servizz lil anzjani ta Birkirkara ta transport lejn postijiet bhal banek, sptar etc.

12.3.2 Is-Sindku qalet illi saru xi spejjeż relatati mal-imxija tal-pandemija ta' covid-19 fosthom xiri ta' perspex għall-front office, sanitizers, ingwanti, maskri u pompi biex il-ħaddiema jbexxu.

12.3.3 Is-Sindku qalet illi l-Kunsilliera s-Sa. Sephora Cutajar irriżenjat u floka bil-*bye election* tela' l-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja. Is-Sur Calleja rringrazzja lil kulħadd u s-Sindku tagħtu d-dekasteru ta' l-ambjent.

12.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu bżonn għajnuna sabiex jinkitbu t-tenders. Il-Kunsill qabel li s-Sur Adrian Mifsud jiġi appuntat biex jikteb it-tenders li hemm bżonn.

12.3.5 Hemm xi kwistjonijiet legali fosthom dwar l-iskips tar-riċiklaġġ. Hawnhekk se jitqabbad l-avvukat Richard Sladden sabiex jgħin lill-Kunsill. Sar ftehim ma Dr Sladden bi hlas ta 416.67 euro eskluz il Vat kull xaghar.

12.3.6. Il-Viċi Sindku is-Sur Karl Cutajar qal li s-sistema ta' l-*accounts* tal-Kunsill għandha *backlog* kbira u se jkun qed jaħdem u jgħin lill-istaff biex l-*accounts* tal-kunsill jiġu *in order*.

12.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li qed jaħdem biex il-*launching* tal-kotba tal-Kunsill fosthom "Muża Karkariża" jsir *online* b'mod virtwali. Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri wera

interess li jgħin f'din l-attività peress li taqa' fid-dekasteru ta' l-edukazzjoni. Għaldaqstant is-Sur Buhagiar se jkun qed jitkellem miegħu dwar il-programm.

12.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal ukoll li qed ikunu avviċinati minn xi nies li jridu jagħmlu festi spontanji fil-gallerijiet u jridu jżejnu t-toroq. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan u l-Kunsill se jgħin fil-"frilli". Is-Sindku qalet li minn naħa tal-istaff, se tieħu ħsieb is-Sa. Romina Xuereb.

12.3.9 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi saqsa jekk konniex qassamna l-fuljetti ta' l-iskema tal-kompjuters tat-Tech Point. Is-Sindku qaltlu li bħalissa mhux żmienha u ma tistax tibgħat nies ġo ħwienet ħabba l-pandemija.

12.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi t-talba għall-ġemellaġġ issa tinsab il-*foreign office* u qed nistennew tweġiba. Is-Sindku talbet lill-kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard biex jgħin lis-Sur Pullicino u talbithom jaħdmu wkoll fuq talba ta' ġemellaġġ li saret lill-Kunsill ta' Birkirkara minn Bormla. Is-Sur Owen Patrick Attard semma li l-Banda Sant'Elena se torganizza ġita lejn Quartù Sant'Elena u saqsa jekk din għandiex x'taqsam ma' tagħna. Ma naħsbux, però se nsaqsuhom.

12.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino semma li komplew il-laqgħat tas-Social Welfare fejn fost oħrajn saret waħda f'Marzu u oħra biz-*zoom*. Semma wkoll BKR Radio fejn għalissa mhux qed isiru l-ebda programmi. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sa. Rita Borġ saqsiet jekk tistax tissieħeb fil-kumitat tal-Welfare u ma kienx hemm oġġezzjoni, l-importanti li titkellem mas-Sur Pullicino.

12.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi permezz ta' pressjoni li saret mis-Sindku, il-Pulizija bdew jibgħatu żewġ pulizija pajżana jagħmlu rondi ta' nfurzar f'Tal-Qattus. Hawnhekk is-Sindku talbet lis-Segretarju biex jagħmel ittra ta' apprezzament lis-Surġent Thomas Axiaq u jikkupjaha lill-Ministru, għax veru qed jaqdi dmiru sew.

12.3.13 Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech ressqet appezzamment speċjali lejn l-erba' tfajliet ta' l-istaff li jaħdmu fuq barra li bħalissa qed imexxu 50 ħaddiem u qed jagħmlu xogħol ta' *contract management*. Hija qalet li dawn mhux talli naqsu jaħdmu ħabba l-covid-19 imma m'humiex jieħdu lanqas leave. Hija qalet li dawn jixirqilhom rikonoxximent u talbet lis-Segretarju jiktbilhom ittra ta' rikonoxximent speċjali.

12.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi l-imwejjed li ġew ordnati għal-librerija minħabba l-VR Kits waslu u jistgħu jinġabru meta terġa' tiftaħ il-librerija.

12.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-grawnd ta' Ġnien John Borg. Is-Segretarju qal li persuna mill-istaff (Marisa), tiftaħ u tagħlaq il-grawnd b'xejn meta ma jkunx mikri. Huwa qal li għandu wkoll xi ftehimiet on hold minħabba s-sitwazzjoni tal-covid-19.

12.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li ressaq ittra quddiem il-Kunsill fejn saqsa dwar l-art li hemm quddiem il-Portugese Dry Cleaning, li tintuża minn Jason Auto Dealer, jekk hiex art pubblika jew privata. Is-Segretarju se jikteb dwarha lil-Lands.

12.3.17 Saret diskussjoni dwar "post" fuq Facebook dwar id-dewmien bejn laqgħa tal-Kunsill u oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tax-xogħol li sar biex it-tlettax –il membru tal-Kunsill issa

jista' jiltaqa' online permezz taż-Zoom. Huwa qal li kien hemm dewmien minħabba li pruvajna naħdmu bis-software Teams imma dan ma rnexxiex għax mhux kull Kunsillier għandu "gov account".

12.3.18 Il kunsill gie nfurmat li saru ftehim ta emergenza dwar il knies u t tindif tal bins tas 'soft areas' li se jiswa 3500euro eskluz il vat fix xaghar, u ftehim iehor ghal provediment ta bowsers tal ilma ghat tisqija bir rati stipulati fil ftehim (Prices: Large water bowser for watering soft areas including gardens - Per water bowser first hour charge is €200.36 subsequently followed by hourly charge of €94.40 including Vat).

**12.4 *Refurbishment of Council Office. Proposed Plan of Layout***

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saru pjanti tal-Kunsill b'*layout* ġdid li bagħthom lil kulħadd. Huwa qal li hekk kif ikollu l-istimi, dawn iressaqhom kunsill. Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li l-importanti hu li kull skrivanija jkollha fejn ipoġġu n-nies quddiema. Is-Segretarju ikkonferma li hekk se jkun.

**12.5 Terminar ta' "Tender for Cleaning of Public Convenience BLC9-2017"**

12.5.1 Is-Segertarju Eżekuttiv qal illi kien qed ikollna ħafna problemi fil-latrini, u kellna ħafna provi u ritratti, u kellu jiġi terminat il-kuntratt. Is-Sindku qalet li dawn issa qed isiru minn Josette li taħdem mal-Kunsill fuq l-iskema tal-Community Scheme u tieħu xi ħaġa overtime tagħhom. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Però bħalissa, minħabba l-covid-19, il-latrini jinsabu magħluqin.

**12.6 Ħruġ ta' Tender Ġdida għal Soft Areas (BLC1/2020)**

12.6.1 Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech qalet illi l-istaff qed jipprepara u jaħdem fuq l-ispeċifikazzjoni tat-tender il-ġdid peress li hemm żoni ġodda. Hija talbet lill-Kunsilliera jiċċekkjaw huma wkoll iż-żoni ħalli ma jittieħdux żbalji. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Is-Segretarju se jibgħat email lil kulħadd biex javżahom meta tkun lesta biex toħroġ.

**12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9-10/8 u *Petty Cash 9-10/8***

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamanti u petty cash. Il-kunsillier is-Sa. Rita Borġ ressqet il-proposta u l-Kunsillier is-Sur Patrick Owen Attard ssekondahom. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet u ġew approvati b'mod unanimu.

**12.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.8 Il-laqgħa ntemmet fit-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 ta' Mejju fis-6pm

Konfermati, illum 25 ta' Mejju 2020.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Carmel Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |